**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 29 ta' Marzu, 2001

**Numru**

**Avviz. numru 1591/00JR**

**Grima Communications Ltd.**

**vs**

**Anthony Zarb**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u zewg liri Maltin u erbghin centezmu (Lm202.40), bilanc ghall-pakkett ta' reklami li l-konvenut xtara minghand is-socjeta` attrici. Minkejja diversi nterpellazzjonijiet il-konvenut baqa' nadempjenti u b'hekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fid-9 ta' Novembru, 2000, fejn intqal illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-pakkett ta' reklami ma sarux skond l-istruzzjonijiet tal-konvenut u b'hekk ma kienux tal-kwalita` pattwita.**

**Semgha x-xhieda ta' Anthony Zarb, Dr. Lynn Zahra, u Joe Grima. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Dan il-kaz jirrigwarda ammont pretiz mis-socjeta` attrici ghall-ammont ta' reklami li gew imxandra fuq LIVE FM u li kienu ordnati mill-konvenut.**
2. **Jirrizulta, ex admissis mill-konvenut, li hu kien iffirma kuntratt mas-socjeta` attrici sabiex isirulu reklami ta' X-Generation ghall-perijodu ta' tlett xhur fuq l-imsemmi stazzjon tar-radju. Jirrizulta li kellhom jixxandru sitt "spots" kuljum ta' tletin sekonda l-wahda.**
3. **Il-konvenut jilmenta li kif jghid l-istess konvenut: "xi wiehed mir-reklami" ixxandar waqt diskors politiku. Hu ma riedx li r-reklami tieghu jixxandru waqt tali diskors u ghalhekk irrifjuta li jhallas.**
4. **Dana l-fatt li sar xi reklam waqt diskors politiku huwa kontradett minn Joe Grima ta' LIVE FM u Dr. Lynn Zahra. Grima fil-fatt eskluda li qatt sar xi reklam minn tal-konvenut waqt il-programm politiku, kif ukoll eskluda li qatt**

**sar xi diskors mal-konvenut sabiex ir-reklami tieghu ma jingiebux waqt diskors politiku.**

5. **It-Tribunal ghalhekk minn apprezzament tal-fatti jikkonkludi li tassew kien hemm ftehim mal-konvenut li jsirulu reklami, kif ukoll li dawn ir-reklami nghataw kollha, jekk mhux aktar milli kien hemm kuntrattati. Jikkonkludi wkoll li tassew qatt ma kienu saru reklami tal-konvenut fil-programm politiku, u dana kif ampjament jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess Joe Grima.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u zewg liri Maltin u erbghin centezmu (Lm202.40).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**